

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Sistemi legali - tal-UE u nazzjonali>**Qrati speċjalizzati nazzjonali**
Qrati speċjalizzati nazzjonali

Svezja

Din it-taqsimha tagħtik informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fl-Iżvezja.

Qrati speċjalizzati

Għadd ta' qrati u tribunali speċjalizzati ġew stabbiliti biex jissimghu tipi speċifiċi ta' kawżi u kwistjonijiet:

Il-Qorti Industrijali (*Arbetsdomstolen*) tittratta t-tilwim industrijali. Tilwima industrijali hija kwalunkwe tilwima li tikkonċerna r-relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegati tiegħu. Il-Qorti Industrijali normalment tkun l-ewwel u l-unika istanza kompetenti f'tilwimiet industrijali. Madankollu, xi tipi ta' tilwimiet industrijali l-ewwel jinstemgħu f'qorti distrettwali, u wara jkun jista' jiġi ppreżentat appell quddiem il-Qorti Industrijali, li mbagħad issir il-qorti tat-tieni u l-aħħar istanza.

Il-Qorti tas-Suq (*Marknadsdomstolen*) tittratta, fost affarijiet oħra, tilwim skont l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar il-Prattiki ta' Kummerċjalizzazzjoni.

Il-Qorti tal-Appelli dwar il-Privattivi (*Patentbesvärätten*) tittratta l-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju Żvediż tal-Privattivi u r-Reġistrazzjoni (*Patent- och registreringsverket*), li jikkonċernaw il-privattivi, it-trademarks u d-disinjji u affarijiet oħrajn. L-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-qorti jistgħu jiġu ppreżentati lill-**Qorti Amministrattiva Suprema** (*Högsta förvaltningsdomstolen*).

Il-Qrati tal-Artijiet u tal-Ambjent (*Mark- och miljödomstolar*) jissimghu kawżi relatati ma' permessi għal operazzjonijiet idriċi u operazzjonijiet perikolużi għall-ambjent, kwistjonijiet relatati mal-ħarsien tas-saħħa, il-konservazzjoni tan-natura, il-ġbir tal-iskart, iż-żoni mniġġsa u l-iskart perikoluż, id-danni relatati mal-ambjent u kwistjonijiet ta' kumpens, il-kwistjonijiet marbuta mal-permessi tal-bini, tat-twaqqiġ u tal-artijiet skont l-Att dwar l-Ippjanar u l-Bini, iċ-ċnus fuq l-artijiet, l-appelli fi kwistjonijiet ta' pjanifikazzjoni, it-tqassim tal-artijiet, is-servituzjiet tal-utilitajiet u l-esproprjazzjoni. Hemm ħames Qrati tal-Artijiet u tal-Ambjent, li huma qrati speċjalizzati u li huma parti mill-Qrati Distrettwali ta' Nacka, Vänersborg, Växjö, Umeå u Östersund. L-appelli minn sentenzi u deċiżjonijiet tal-Qrati tal-Artijiet u tal-Ambjent jistgħu jiġu ppreżentati fil-Qorti tal-Appell tal-Artijiet u tal-Ambjent (*Mark- och miljööverdomstolen*), li tagħmel parti mill-Qorti tal-Appell ta' Svea. L-appelli f'kawżi li jkunu nbdew fil-Qorti tal-Artijiet u tal-Ambjent u li jkunu ġew appellati u mismugħa fil-Qorti tal-Appell tal-Artijiet u tal-Ambjent, jistgħu jiġu ppreżentati fil-Qorti Suprema (*Högsta domstolen*).

Il-Qrati Marittimi (*Sjörättsdomstolar*) jitrattaw kawżi skont il-Kodiċi Marittimu Żvediż (1994:1009). Hemm seba' qrati marittimi li huma parti mill-Qrati Distrettwali ta' Luleå, Sundsvall, Stockholm, Kalmar, Malmö, Gothenburg u Värmland.

Il-Qrati tal-Migrazzjoni (*Migrationsdomstolar*) jeżaminaw id-deċiżjonijiet tal-Aġenzija Żvediża dwar il-Migrazzjoni (*Migrationsverket*) dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-barranin u ċ-ċittadinanza. Il-Qrati tal-Migrazzjoni huma qrati speċjalizzati li huma parti mill-Qrati Amministrattivi f'Malmö, Gothenburg, Stokkolma u Luleå. L-appelli minn sentenzi u deċiżjonijiet tal-Qrati tal-Migrazzjoni jistgħu jiġu ppreżentati fil-Qorti tal-Appell tal-Migrazzjoni (*Migrationsöverdomstolen*), li tagħmel parti mill-Qorti Amministrattiva ta' Stokkolma.

Ċerti tipi ta' tilwim li jkunu jinvolvu l-kirjiet, sjieda mill-inkwillini u ċnus jinstemgħu mit-tribunali **reġjonali tal-kera u taċ-ċens** (*hyres- och arrendenämnder*). Dawn huma korpi semiġudizzjarji b'setgħat simili għal dawk tal-qrati.

Qrati speċjali oħrajn

Ma hemm l-ebda qorti kostituzzjonali jew korp simili fl-Iżvezja.

L-aħħar aġġornament: 09/11/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.